

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Ir-Regolament Brussell IIb - Kwistjonijiet Matrimonjali U Kwistjonijiet Ta' Responsabbiltà Tal-ġe...](#) > Malta

# Ir-Regolament Brussell IIb - Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (riformulazzjoni)

Malta



Malta

## SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 103(1) (a) (l-ewwel parti) - Awtoritajiet pubbliċi jew awtoritajiet oħra awtorizzati biex jistabbilixxu strument awtentiku msemmi fil-punt (2)(b) tal-Artikolu 2(2), u awtoritajiet pubbliċi awtorizzati li jirreġistraw ftehim imsemmi fil-punt (3) tal-Artikolu 2(2)

Mhux applikabbli

L-Artikolu 103 (1) (a) (it-tieni parti) - Awtoritajiet amministrattivi li jagħtu l-għajnuna legali msemmija fl-Artikolu 74(2)

L-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta

188/189, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta VLT1455

Telefown: +356 22471500

Imejl: [info.legalaidmalta@gov.mt](mailto:info.legalaidmalta@gov.mt)

L-Artikolu 103 (1) (b) (l-ewwel parti) - Qrati kompetenti biex joħroġu ċertifikati għal deċiżjoni skont l-Artikolu 36(1), u qrati u awtoritajiet kompetenti biex joħroġu ċertifikat għal strument awtentiku jew ftehim imsemmija fl-Artikolu 66

Il-Qrati kompetenti biex joħroġu ċertifikati għal deċiżjoni skont l-Artikolu 36(1) huma: Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal Malta u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni tal-Familja) (Kompetenza Superjuri) għal Għawdex.

Il-Qrati u awtoritajiet kompetenti biex joħroġu ċertifikat għal strument awtentiku jew ftehim imsemmi fl-Artikolu 66: mhux applikabbli.

L-Artikolu 103 (1) (b) (it-tieni parti) - Qrati kompetenti biex jirrettifikaw iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 37(1), l-Artikolu 48(1) u qrati kompetenti biex joħroġu ċertifikat li jispeċifika n-nuqqas jew il-limitazzjoni ta' deċiżjoni ċertifikata msemmi fl-Artikolu 49; u qrati u awtoritajiet kompetenti biex jirrettifikaw iċ-ċertifikat, maħruġ skont l-Artikolu 66(1), imsemmi fl-Artikolu 67(1);

Il-Qrati kompetenti biex jirrettifikaw iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikoli 37(1) huma: Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal Malta u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni tal-Familja) (Kompetenza Superjuri) għal Għawdex.

Il-Qrati kompetenti biex jirrettifikaw iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 48(1) huma: Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal Malta u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni tal-Familja) (Kompetenza Superjuri) għal Għawdex.

Il-Qrati kompetenti biex joħroġu ċertifikat li jispeċifika n-nuqqas jew il-limitazzjoni ta' deċiżjoni ċertifikata msemmi fl-Artikolu 49 huma: Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal Malta u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni tal-Familja) (Kompetenza Superjuri) għal Għawdex.

Il-Qrati u Awtoritajiet kompetenti biex jirrettifikaw iċ-ċertifikat, maħruġ skont l-Artikolu 66(1), imsemmi fl-Artikolu 67(1): mhux applikabbli.

L-Artikolu 103 (1) (c) — Qrati kompetenti għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni (l-Artikolu 30(3)) jew għar-rifjut tar-rikonoxximent (l-Artikolu 40(2)), kif ukoll qrati u awtoritajiet kompetenti għar-rifjut tal-infurzar, għall-kontestazzjoni jew l-appell, u għall-kontestazzjoni jew l-appell ulterjuri msemmija fl-Artikoli 58(1), 61(2) u 62

Artikolu 30(3), Artikolu 40(2) u Artikolu 58(1): Għal rikonoxximent ta' deċiżjoni, rifjut tar-rikonoxximent, u rifjut tal-infurzar, il-qrati kompetenti huma: (i) f'Malta, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja); u f'Għawdex, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni tal-Familja) (Kompetenza Superjuri)

Artikolu 61(2): Għal appell/kontestazzjoni, l-qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Appell.

Artikolu 62: Kontestazzjoni jew appell ulterjuri mhux possibbli f'Malta, ħlief għal ritrattazzjoni skont l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 103 (1) (d) — Awtoritajiet kompetenti għall-infurzar imsemmija fl-Artikolu 52

Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal Malta u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni tal-Familja) (Kompetenza Superjuri) għal Għawdex

L-Artikolu 103 (1) (e) — Proċeduri ta' rimedju kontra deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar imsemmija fl-Artikoli 61 u 62

Il-Qorti tal-Appell (kemm għal Malta kif ukoll għal Għawdex). Kontestazzjoni jew appell ulterjuri mhux possibbli f'Malta, ħlief għal ritrattazzjoni skont l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 103 (1) (f) — Ismijiet, indirizzi u mezzi ta' komunikazzjoni għall-Awtoritajiet Ċentrali maħtura biex jassistu fl-applikazzjoni tar-Regolament fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. F'każ li tinħatar aktar minn Awtorità Ċentrali waħda, il-ġuriżdizzjoni ġeografika u funzjonali ta' kull Awtorità Ċentrali għandha tiġi indikata kif imsemmi fl-Artikolu 76

L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (SCSA), 469, Istitut Bugeja, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR1012 Malta

Telefown: +356 25494000

Fax: +356 25494355

Imejl: [feedback-scsa@gov.mt](mailto:feedback-scsa@gov.mt)

L-Artikolu 103 (1) (g) — Jekk applikabbli, kategoriji ta' qrafa stretti, minbarra ġenituri, li magħhom il-minuri jista' jitqiegħed fit-territorju ta' Stat Membru, mingħajr il-kunsens minn qabel ta' dak l-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 82

Mhux applikabbli

L-Artikolu 103 (1) (h) — Lingwi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għajr il-lingwa ta' Stat Membru, li fihom jistgħu jiġu aċċettati komunikazzjonijiet lill-Awtoritajiet Ċentrali tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 91(3))

Mhux applikabbli. Komunikazzjonijiet bil-Malti u/jew bl-Ingiliz biss jiġu aċċettati mill-Awtorita' Ċentrali.

L-Artikolu 103 (1) (i) — Lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' talbiet u dokumenti li jakkumpanjawhom mibgħuta skont l-Artikoli 80, 81, 82 u ta' partijiet b'test liberu taċ-ċertifikati kif imsemmi fl-Artikolu 91(2)

Malti u/jew Ingiliz

■ L-aħħar aġġornament: 09/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.